MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 590/1997/1

**Avviz numru 590/1997DM**

**Grace Anderson**

**Vs**

**Louis Curmi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas:

1 Is-somma ta' mija u tletin Lira Maltija (Lm130) imhallsa mill-attrici bhala depozitu fuq appalt konsistenti f'xoghol ta' injam moghti lill-konvenut, liema appalt gie tterminat minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut; u
2 Dik is-somma li tigi likwidata, jekk ikun hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, bhala danni sofferti

mill-attrici kagun tax-xoghol difettuz ezegwit mill-konvenut u mhux mahdum skond is-sengha u l-arti;

Ghal fini ta’ l-kompetenza jigi ddikjarat li d-danni reklamati ma jeccedux l-ammont ta’ tmien mija u sebghin lira Maltija (Lm870.00);

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Awissu, 1996 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Ghar-rigward l-ewwel talba tal-attrici t-talba hija guridikament infondata in vista tad-dispost tal-Artikolu 1640 tal-Kap 16;
2 Ghar-rigward it-tieni talba dwar id-danni, l-esponent jeccepixxi li huwa ma kkaguna ebda danni lill-attrici u t-talba tal-istess ghandha tigi diretta versu terzi persuni.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’April 1997 fejn gie nominat l-AIC William Cassar Torregiani bhala perit tekniku insegwitu sostitwit min Peter Bonello bl-istess inkarigu.

Rat ir-relazzjoni peritali debitament mahlufa fil-31 ta’ Jannar 2003.

Rat id-deposizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu mill-periti tekniki;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta stabbilit illi effettivament l-attrici kienet tghat b’appalt lill-konvenut l-inkarigu li dan jimmanifattura ghaliha dik l-ghamara elenkata fil-lista

"dokument GA" (esibit a fol 88 tal-process) u liema ghamara kellha titlesta sal-24 t'April 1996, almenu fejn jirrigwarda wiehed mill-cupboards. Fuq dan il-ftehim l-attrici hallset akkont bhala depositu s-somma ta' Lm130 (mija u tletin liri Maltin).

Jirrizulta wkoll illi sal-21 t'Awissu tal-1996 kienet ghadha ma tlestietx ebda bicca mill-ghamara li kellu jghamel il-konvenut u fil-21 t'Awissu tal-1996 il-konvenuta, kif kellha dritt li taghmel, itterminat l-appalt in kwistjoni.

Ghalhekk il-kompitu tal-Qorti huwa illi tistabbilixxi, fl-ewwel lok, jekk l-attrici kelliex raguni valida biex tholl dan il-kuntratt ta' appalt.

Min-naha taghha l-attrici ssostni illi hija kellha raguni valida biex tittermina u tholl dan il-kuntratt ta appalt peress li l-konvenut, mhux biss sal-jum li fih gie tterminat l-appalt kien ghadu ma lestiex ix-xogholijiet minghandu mistennija, izda anke il-cupboard tal-kamra tal-banju ma kienx gie maghmul skond l-arti u s-sengha peress illi l-konvenut ma kienx ha in konsiderazzjoni il-fitting tac-ceramika li kien hemm fil-kamra tal-banju. Tkompli ssostni li minhabba f'din il-"fitting", il-cupboard in kwistjoni jew ma setghax jidhol f'postu jew almenu ma setghux jinfethu l-kxaxen tieghu.

Min-naha tieghu, l-konvenut, jikkontendi illi dina l-*fitting* tac-ceramika b'ebda mod ma fixklethu peress illi huwa setgha jpoggi l-cupboard fil-post anke bil-*fitting* tac-ceramika f'posta. Id-diffikolta' qamet meta l-attrici, minflokk bieba riedet illi hu jghamel kxaxen u, meta segwa l-istruzzjonijiet, wiehed mill-kxaxen ma setghax jinfetah minhabba din il-*fitting*. Ghalhekk huwa kien issuggerixxa li tinqala din il-*fitting* biex il-kxaxen jistghu jinfethu kollha regolarment.

Ghalhekk, dak li l-Qorti trid tistabbilixxi huwa effettivament jekk il-kwistjoni kollha dwar dan il-cupboard hiex dovuta minhabba illi l-konvenut fil-kalkoli tieghu u fil-mizuri kien injora dan il-fitting tac-ceramika jew inkella, jekk din il-*fitting* tac-ceramika kellix tinqala minhabba biss illi, fi

stadju ulterjuri, l-attrici riedet illi minflokk bieba taghmel kxaxen fuq in-naha ta’ fejn kien hemm din il-*fitting* tac-ceramika.

Il-provi prodotti f’dan ir-rigward, huma kontradittorji izda, kif sewwa osserva l-perit tekniku, kien dejjem kompitu tal-konvenut li, bhala l-mastrudaxxa espert fil-materja ta kostruzzjonijiet ta cupboards, qabel ma jidhol ghax-xogholijiet minnhu mitluba, jirrileva d-diffikulta’ kollha li kien ser ipprezenta dak il-fitting tac-ceramika anke minhabba xi kambjament fid-disinn.

Min-naha taghha l-attrici sosstni illi hija ma kienetx tghat xi importanza partikolari ghal kwistjoni jekk fuq in-naha tal-fitting isirux kxaxen jew bieba. Infatti, anke jekk wiehed jaccetta l-verzjoni tal-konvenut, hija iktar verosimili l-konkluzzjoni illi l-kwistjoni dwar kxaxen jew bieba kien dettal ta ftit importanza u baqa tali ghaliex il-konvenut ma kienx spjega illi tali kambjament kien jimporta l-qlugh ta’ fitting tac-ceramika bil-konsegwenza ta’ hsarat fil-madum ta’ madwar l-istess fitting.

Izda, kif sewwa wkoll osserva l-perit tekniku, l-qlugh ta’ din il-fitting kien ipprovokat minn cirkostanza ferm iktar serja u sewwa kkonkluda l-perit tekniku illi dan kien dovut ghal fatt illi bil-mizuri li fuqhom hadem il-konvenut, il-cupboard ma setghax jitpogga f’postu jekk ma tinqalax dik il-fitting tac-ceramika.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-attrici kellha raguni valida biex tittermina l-kuntratt ta’ appalt  moghti lill-konvenut u ghalhekk a tenur tal-Artikolu 1640 (3) u (4), billi hija ma hadet ebda beneficcju jew utilita mix-xogholijiet li setgha ghamel il-konvenut, hi ghandha dritt ta’ rifuzzjoni totali tad-depositu li hi ghamlet, bil-konvenut evidentement intitolat illi jzomm dawk ix-xogholijiet kollha illi huwa lahaq ghamel.

Ghal dak li jirrigwarda  t-tieni (2) talba attrici, li tirrigwarda r-rizarciment ta’ d-danni illi hija setghet soffriet minhabba n-nuqqasijiet tal-konvenut, la ngiebu provi u lanqas ma sar ebda accenn dwar f’xiex  jistghu jikkonsistu dawn id-danni. Konsegwentment il-perit tekniku sewwa injora din

it-talba u l-Qorti ssib illi t-talba tal-attrici ghal dak li jirrigwarda dawn id-danni reklamati ma gietx soddisfacentement ppruvata  u l-Qorti qedgha tirrespingi l-istess talba.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa l-ewwel talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' Lm130 (mija u tletin Lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) talba attrici u l-Qorti qedgha tirrespingi l-istess tieni (2) talba tal-attrici.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, il-Qorti tordna illi dawn jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------